**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 200/2016 CFF**

**PATER FINANCE CO LTD**

**Vs**

**GORDON JOSEPH BONNICI**

**Illum it-Tlieta 14 ta' Marzu, 2017**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors** guramentat tas-socjeta' Pater Finance Co. Ltd; fejn Marcel Avellino bil-gurament tieghu kkonferma:

Illi permezz ta' sentenza li nghatat minn din l-Onorabbli Qorti fit-28 ta' Jannar, 2002 fl-ismijiet premessi u li jgib in-numru ta' referenza 896/2001 MM, din l-Onorabbli Qorti iddecidiet li tilqa' t-talba tas-socjeta' esponenti u ddikjarat l-intimat sabiex ihallas lis-socjeta' esponenti l-ammont indikat fit-talba tas-socjeta' esponenti, cioe' l-ammont ta' elf sitt mija u seba' Liri Maltin (Lm1,607) rapprezentanti import ta' tmien (8) kambjali u l-imghax legali li mill-iskadenza ta' kull kambjala sal-1 ta' Ottubru, 2001 kien jammonta ghal tmienja u hamsin Lira Maltin (Lm58), li llum l-ammont komplessiv ta' elf sitt mija u hamsa u sittin lira Maltin (Lm1665) huwa ekwivalenti ghal tlett elef tmien mija u tmienja u sebghin Ewro u wiehed u erbghin centezmu (€3,878.41), u dan oltre l-ispejjez u l-imghaxijiet ulterjuri sal-pagament effettiv;

Illi sussegwentement is-socjeta' esponenti kienet ipprezentat ukoll quddiem din l-Onorabbli Qorti mandat ta' sekwestru ezekuttiv kontra l-intimat fis-26 ta' Gunju, 2002 li jgib in-numru ta' referenza 1473/2002;

Illi izda sal-lum l-intimat ghadu debitur tal-esponenti stante li l-ammont dovut hekk indikat fis-sentenza hawn imsemmija ghadu qatt ma thallas mill-intimat;

Illi s-socjeta' esponenti ghadha dovuta mill-intimat l-ammont ta' **tlett elef tmien mija u tmienja u sebghin Ewro u wiehed u erbghin centezmu (€3,878.41)** u dan oltre l-imghaxijiet ulterjuri sal-pagament effettiv u l-ispejjez li huma wkoll dovuti mill-intimat lis-socjeta' esponenti;

Illi peress li ghaddew aktar minn ghaxar snin mill-gurnata li fiha s-socjeta' esponenti kienet f'pozizzjoni li tezegwxxi din is-sentenza, u kif ukoll stante li l-ammont dovut ghadu ma thallasx, oltre l-imghaxijiet u l-ispejjez, is-socjeta' esponenti qieghda tintavola dan l-umli rikors ai termini ta' l-artikolu 258(b) tal-Kap. 12;

Ghaldaqstant is-socjeta' esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tawtorizza u tordna li t-titolu in kwistjoni fl-ismijiet premessi jerga' jigi rez ezekuttiv u dan sabiex is-socjeta' esponenti tkun f'pozizzjoni li tezegwixxi l-istess titolu bil-mandati ezekuttivi opportuni kontra l-intimat u kull att iehor relevanti, stante l-ammont dovut ghadu ma giex imhallas kollu, oltre l-ispejjez u l-imghaxijiet ulterjuri sal-pagament effettiv, u dan skond dawk il-provvedimenti u modalitajiet li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li jkunu xierqa u opportuni fic-cirkostanzi tal-kaz.

Illi ai termini ta' l-istess artiklu 258 tal-Kap. 12, Marcel Avellino li ghandu l-karta t'identita' bir-riferenza 426958M debitament awtorizzat, bil-gurament tieghu kkonferma l-fatti hawn imsemmija.

Rat illi fis-seduta tas-7 ta' Marzu, 2017 Franco Gove' in rapprezentanza tas-socjeta' rikorrenti xehed illi l-ammont indikat fir-rikors promotur ghadu kollu dovut.

Rat illi fis-seduta tal-14 ta' Marzu, 2017, l-intimat Joseph Gordon Bonnici debitament notifikat fis-17 ta' Jannar, 2017 u msejjah tliet darbiet ma deherx u lanqas ipprezenta ir-risposta tieghu.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tilqa' t-talba u tordna li t-titolu in kwistjoni fl-ismijiet premessi jerga' jigi rez ezekuttiv u dan sabiex is-socjeta' esponenti tkun f'pozizzjoni li tezegwixxi l-istess titolu bil-mandati ezekuttivi opportuni kontra l-intimat u kull att iehor relevanti, stante l-ammont dovut ghadu ma giex imhallas kollu, bl-ispejjez kollha u l-imghaxijiet ulterjuri sal-pagament effettiv.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**